MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**MIRIAM HAYMAN**

Seduta tal-5 ta' Frar, 2013

Numru. 1121/2005

**IL-PULIZIJA**
**SPETTUR IAN ABDILLA**

**KONTRA**

**JOSEPH MARY DIFESA iben il-mejjet Joseph u l-mejta Maria nee' Farrugia, imwieled il-Belt Valletta nhar il-21 ta' Settembru, 1951, residenti fil-fond Villa Difesa, St Clara Street, Bahar ic-Caghaq, detentur tal-karta tal-identita' numru 723051M;**

**Il-Qorti;**

Rat l-akkuzi kontra 'l hawn fuq imsemmi **Joseph Mary Difesa** li gie akkuzat talli:

1. Nhar l-20 ta' Dicembru, 2005, gewwa l-Belt Valletta, bejn id-disgha nieqes kwart ta' fil-ghodu u d-disgha u nofs ta' fil-ghodu:

a. Iffalsifika jew biddel, minghajr il-kunsens tas-sid, l-ismijiet, il-marki, jew is-sinjali distintivi tax-xoghol tal-mohh, jew tal-prodott ta' industrija, jew xjentement ghamel uzu ta' dawn l-ismijiet, marki jew sinjali ffalsifikati jew imbiddlin, ukoll jekk minn haddiehor, minghajr il-kunsens tas-sid; jew
b. Ghamel uzu, xjentement, ta' marka, sinjal, tabella jew emblema, li jkun fihom indikazzjoni li tista' tqarraq lix-xerrej dwar ix-xorta tal-merkanzija, jew biegh merkanzija b'din il-marka, sinjal jew emblema; jew
c. Xjentement qieghed fic-cirkolazzjoni, biegh jew zamm ghandu ghall-bejgh jew importa ghall-hsieb ta' kummerc, merkanzija b'marka, sinjal jew emblema mxebbhin b'qerq u cioe' diversi CDs tal-muzika, films fuq DVDs u oggetti ohra (dan bi ksur tal-Artikolu 298(1)(a)(c) u (f) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta);

2. U aktar talli fl-istess data, hin u lok, ghall-qliegh jew bi skop ta' kummerc, stampa, immanifattura, jew mod iehor irriproduca jew ikkopja, jew biegh, qassam, jew mod iehor offra ghall-bejgh jew biex jitqassam, xi artikolu jew xi haga ohra bi ksur tal-jeddijiet li johorgu mid-drittijiet tal-awtur li jkollha persuna ohra u protetti bil-Ligi ta' Malta jew tahtha (dan bi ksur tal-Artikolu 298B tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta)

3. U aktar talli b'hekk sar recidiv ai termini tal-Artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, b'diversi sentenzi moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula.

Rat illi l-imputat wiegeb illi ma kinx hati tal-akkuzi kif dedotti fil-konfront tieghu; u kif ukoll illi ma kellu ebda oggezzjoni ghal proceduri sommarji.

Rat ukoll illi gie ezebit il-kunsens tal-Avukat Generali ghal proceduri sommarji.

Rat il-provi kollha migjuba.

Ghalhekk PS 130 Ivan Cilia xehed illi mar fuq it-tilar tal-imputat, dak il-hin kien hemm it-tifla tieghu Joanne. Ra ukoll persuna li kellha borza tal-karti li talbet li xtaqet tibdel is-CDs. Qal illi fittex fit-tilar, din il-persuna telqet u halliet il-borza tal-karti hemm.

Minn naha tieghu l-imputat xehed illi hu f’dak iz-zmien ma kellu x’jaqsam xejn mat-tilar u kien gie nvolut fil-kwistjoni biss ghax cemplitlu bintu Joanne.

Minn naha taghha Joanne Difesa wkoll xehdet illi kienet marret fuqha habiba taghha meta kienet fuq it-tilar, u staqsietha jekk kinitx taf ta’ min huma ghax riedet tibdilhom - fil-hin u l-mument wasal skondtha l-Ispettur Cilia u din telqet tigri.

Ikkunsidrat:

Illi dawk huma l-provi mressqa. Anke jekk l-imputat wera x-xewqa li jammetti, fuq provi daqshekk skarsi din il-Qorti m’ghandha ebda triq ohra hlief li tilliberah mill-akkuzi kif dedotti fil-konfront tieghu.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------